**Parlament Ewropew**
2014-2019

**0110/2016**

24.10.2016

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-insuffiċjenza tal-qalb

**Annie Schreijer-Pierik (PPE), Aldo Patriciello (PPE), Cristian-Silviu Buşoi (PPE), Sirpa Pietikäinen (PPE), Andrey Kovatchev (PPE), Pascal Arimont (PPE), Marc Tarabella (S&D), Victor Negrescu (S&D), Miriam Dalli (S&D), Nicola Caputo (S&D), Daciana Octavia Sârbu (S&D), Karin Kadenbach (S&D), Nessa Childers (S&D), Ian Duncan (ECR), Stelios Kouloglou (GUE/NGL), Monica Macovei (ECR), Patricija Šulin (PPE)**

Data ta' skadenza: 24.1.2017

**0110/2016**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar l-insuffiċjenza tal-qalb**[1]

1. L-insuffiċjenza tal-qalb (HF) hija sfida strateġika komuni. Filwaqt li taffettwa 15-il miljun Ewropew, l-HF hija l-aktar kawża frekwenti ta' ospitalizzazzjoni fil-persuni ta' 'l fuq minn 65 sena. Waħda minn kull ħames persuni jissugraw li jiżviluppaw l-HF f'ħajjithom.

2. Mingħajr prevenzjoni ppjanata, il-każijiet ta' HF se jiżdiedu b' 25 % sal-2030.

3. Ir-riskju u l-piż tal-HF jista' jitnaqqas b'mod sinifikanti permezz ta' kura multidixxiplinarja, bidliet fl-istil tal-ħajja, u involviment u awtoġestjoni tal-pazjent. Dawn jistgħu jippromwovu s-saħħa u l-kwalità tal-ħajja u jnaqqsu l-ispejjeż.

4. Ħafna drabi, il-pazjenti tal-HF ma jirċevux kura ta' kwalità skont linji gwida kliniċi rikonoxxuti, u fl-Ewropa għadhom jippersistu inugwaljanzi kbar.

5. Xi gvernijiet adottaw pjanijiet nazzjonali għall-HF.

6. Kemm il-professjonisti pubbliċi kif ukoll tas-saħħa għandhom għarfien baxx ħafna tal-HF – 3 % biss taċ-ċittadini Ewropej jistgħu jidentifikaw b'mod korrett is-sintomi tagħha.

7. Il-Kummissjoni għalhekk hija mitluba tikkunsidra inizjattivi mmirati biex:

   - tħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu pjanijiet nazzjonali komprensivi biex jixprunaw it-titjib u jiġbru dejta adegwata dwar l-HF;

   - toħloq strateġija fil-livell Ewropew favur is-sensibilizzazzjoni pubblika, id-difiża għall-pazjenti u skambju ta' riċerka u tal-aħjar prattika b'rabta mal-HF;

   - tappoġġa t-taħriġ dwar l-HF fost it-tobba ġeneralisti u l-internisti, u l-ispeċjalizzazzjoni u l-akkreditazzjoni ta' taħriġ għal infermiera u professjonisti alleati tas-saħħa.

8. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.